Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 21/2017

**Carmel Mallia (appellant) u Finesse Limited**
**vs**
**Ilona Galea (appellata)**

23 ta' Ottubru, 2018.

1. Ilona Galea ressqet il-kaz taghha quddiem it-Tribunal Industrijali billi sostniet li hija kienet imkeccija ingustament mill-impieg taghha peress li t-tkeccija ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skont l-Att dwar l-Impieg u r-Relazzjonijiet Industrijali u saret minghajr ma gew osservati l-principji tal-gustizzja naturali, kif ukoll bi ksur tad-drittijiet taghha bhala mpjegata tqila.

2. L-intimat Mallia wiegeb li ma kecciex lir-rikorrenti, izda li meta r-rikorrenti kienet tqila, talbitu sabiex tiehu disa' xhur *maternity leave* wara li twelled, u wara li nformaha li hija ma kenitx intitolata ghal daqstant zmien *maternity leave,* hija tatu n-*notice* li kienet qeghda tirrizenja. Huwa pprevalixxa ruhu mid-dritt li r-rikorrent ma tahdimx in-*notice period* u ta' dan huwa hallasha. Ghalhekk sostna li t-talba tar-rikorrenti kellha tigi michuda bl-ispejjez.

3. Is-socjetà intimata Finesse Limited wiegbet li r-rikorrenti qatt ma kienet impjegata maghha u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti kontra taghha kellha tigi michuda bl-ispejjez.

4. Rat il-verbal tal-20 ta' Novembru, 2014 fejn il-partijiet qablu li r-rikorrenti qatt ma kienet impjegata ma' Finesse Limited u ghaldaqstant ir-rikorrenti rtirat it-talba taghha fil-konfront ta' Finesse Limited.

5. Permezz ta' sentenza tal-20 ta' April, 2017, it-Tribunal Industrijali laqa' t-talba tar-rikorrenti, peress li wasal ghall-konkluzjoni li Ilona Galea giet sfurzata, f'sitwazzjoni ta' biza' sabiex taghti r-rizenja, u li kien jirrizulta car li l-problemi f'dan il-kaz bdew immedjatament meta hija nfurmat lill-intimat li kienet tqila. It-Tribunal iddecieda li r-rizenja tar-rikorrenti kienet konsegwenza tac-cirkostanzi li kienet fihom peress li ma kienx baqghalha l-ebda ghazla hlief li tirrizenja b'mod sfurzat b'aktar minn sitt xhur tqala, kwindi l-impieg tar-rikorrenti kien intilef b'mod ingust u li ghaldaqstant kien

hemm lok li r-rikorrenti tinghata kumpens. Dan il-kumpens gie stabbilit fl-ammont ta' €5,500.

6. L-intimat Carmel Mallia hassu aggravat u appella mis-sentenza ghal dawn ir-ragunijiet:

i. il-bazi tar-rikors tal-appellata kien fis-sens li hija tkecciet u mhux li tat ir-rizenja taghha, mentri kien biss lejn l-ahhar tal-kaz li biddlet il-versjoni taghha u dan kontra dak li hija stqarret fir-rikors promotur taghha meta nghad minnha: *"fl-10 ta' Gunju, 2014 l-esponenti giet imkeccija mill-impieg taghha"*. Kwindi jsostni li ladarba l-vertenza quddiem it-Tribunal kienet fis-sens li tkecciet mill-post tax-xoghol (u mhux li rrizenjat), it-Tribunal ma setax imur lil hinn minn dak premess mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha. Jishaq li ladarba r-rikors promotur ma giex korrett, il-parametri tal-vertenza quddiem it-Tribunal kienu ben stabbiliti u l-kwistjoni setghet tigi deciza biss f'dawk il-parametri. Ikompli billi jghid li, jekk dan il-principju ma jigix osservat, intimat ma jkunx jista' jiddefendi ruhu, ghax ma jkunx jaf il-pretensjoni u l-kawzali tar-rikorrenti;

ii. L-appellant isostni li meta t-Tribunal sab li t-terminazzjoni tal-impieg kienet ingusta, peress li sostanzjalment kien kaz ta' *constructive dismissal* (li impjegat jigi kostrett mis-sid sabiex jaghti r-rizenja), huwa hareg mill-parametri tal-kaz hekk kif ifissati mill-istess rikorrenti, cioè li tkecciet u mhux irrizenjat. Kwindi jsostni li t-Tribunal Industrijali ppregudika id-dritt tieghu li jiddefendi ruhu sew, peress li l-kaz beda fuq tkeccija (mhux rizenja) u nbidlu r-regoli tal-loghoba, wara li ghalaq il-provi tieghu. Ghalhekk it-Tribunal injora l-fatt li r-rikorrenti biddlet il-verzjoni taghha, li kellu jixhet dubju serju fuq il-kredibilità taghha.

7. Ir-rikorrenti wiegbet li:-

a. l-appell huwa null in kwantu sar fuq punt ta' fatt u mhux ta' ligi u dana kontra d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 82 (3) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industirjali, (Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta), li jipprovdi li appell minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali ghandu jkun limitat ghal punt ta' ligi;

b. l-aggravju tal-appellant huwa semplicement censura tal-apprezzament fattwali li ghamel it-Tribunal tal-provi prodotti u l-fatt li l-appellant ma jaqbilx mal-apprezzament maghmul mit-Tribunal, ma jikkostitwixxix interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi. It-talba tal-appellant li din il-Qorti tirrevedi l-provi prodotti sabiex jigi determinat jekk ix-xoghol tal-appellata giex terminat b'mod gust mhux permessibbli skont l-Artikolu 82 (3) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. safejn it-tieni aggravju tal-appellant jiccentra ruhu fuq l-ilment li t-Tribunal iddecieda oltrè t-talbiet tal-appellata, billi ddecieda li l-impieg tal-appellata gie tterminat a bazi ta' *constructive dismissal*, jinghad li *constructive dismissal* hija forma ta' tkeccija jew terminazzjoni ngusta tal-impieg;

d. dwar l-argument li t-Tribunal Industrijali ppregudika d-dritt tal-appellant li jkun jista' jiddefendi ruhu, l-appellata ssostni li l-appellant kellu zmien ampju biex juri li l-appellata rrizenjat minn jeddha, li sa mill-bidu kienet il-linja difensjonali adottata mill-appellant.

**Konsiderazzjoni.**

9. Il-fatti principali tal-kaz huma:

i. L-appellata bdiet tahdem mal-appellant bhala *Telesales Person* fuq bazi *full-time* ghal zmien indefinit, mit-13 ta' Marzu, 2013.[1]

ii. L-appellant jiggestixxi negozju zghir fejn ibiegh prodotti u fl-istess waqt jghin lit-tfal mill-Guatemala, u kellu tliet tfajliet jahdmu fl-ufficcju bhala *Telesales persons*, li huma l-appellata bintu Stephanie Mallia u tfajla ohra, Vincienne Galea. Xogholhom kien li jcemplu lin-nies u jhajruhom jixtru l-prodotti tal-appellant.

iii. Dawn it-tfajliet kellhom *sales target,* li jbieghu mas-sitt mitt Ewro ta' prodotti kuljum u l-appellant kellu sistema fejn jitnizzel il-bejgh individwali ta' kull tfajla, fi djarju li kienet izzomm it-tifla tieghu.

iv. Meta l-appellata nfurmat lill-appellant li kienet qeghda tistenna tarbija, nqala' dizgwid bejn il-partijiet dwar il-*maternity leave.*[2]

vi. L-appellata kienet tinkwieta u l-ambjent fuq ix-xoghol kien tali li bdiet tbaghti minn pressjoni gholja, peress li kienet imbikkma dwar kif kienet qeghda tigi trattata, kif ukoll kellha biza' li ser tigi mkeccija[3] u ghalhekk mal-ahhar argument li nqala' bejn il-kontendenti fil-kawza, hija tat ir-rizenja taghha.

vii. Fit-Termination Form li mtliet mill-appellant, inghad li l-impieg tal-appellata gie terminat fl-10 ta' Gunju, 2014, u bhala raguni tnizzel li kienet l-impjegata li rrizenjat.[4] Mhux kontestat li l-appellata ma hadmitx *notice period* u thallset tieghu.

[1] Ara Dok. JS 1 a fol. 36 u 37 tal-process.
[2] L-appellant jikkontendi li l-appellata talbitu disa' xhur *maternity leave*, li huwa ma seta' qatt jaccett,a mentri l-appellata tishaq li hija talbet erba' xhur jew tmintax-il gimgha *maternity leave*, kif kienet infurmata mill-ufficcju tax-xoghol, izda tghid li l-appellant offrielha biss tliet xhur ta' *maternity leave*, jew li tieqaf tahdem ghal sena.
[3] Ara xhieda in kontro-ezami ta' Vincienne Galea a fol. 42 et seq tal-process.
[4] Ara Dok. JS 3 a fol. 40 tal-process.

viii. Il-formola ta' terminazzjoni ta' impieg ma gietx iffirmata mill-appellata. L-appellant kiteb li l-appellata kienet irrizenjat mix-xoghol.

ix. L-appellant hallas lill-appellata ghan-*notice period*.

10. Il-Qorti tibda biex tosserva li l-ewwel punt li jrid jigi determinat fid-dawl tal-eccezzjoni mressqa mill-appellata, hija dik dwar in-nullità tal-appell, peress li meta l-mertu tal-kawza jitratta tkeccija minghajr kawza gusta, d-dritt t'appell mahsub taht l-Artikolu 82 (3) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa wiehed limitat ghal punt ta' ligi. Dan jinghad peress li jekk tali eccezzjoni tirrizulta fondata, din il-Qorti ta' revizjoni tkun prekluza milli tinoltra ruhha ulterjorment fl-aggravji tal-appellant.

11. Appelli minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali huma possibbli biss minn punti ta' ligi.

12. Mis-sentenza hu evidenti li t-Tribunal aghmel l-apprezzament tal-provi u wasal ghall-konkluzjoni tieghu. S'hawnhekk l-appell ma jistax jirnexxi. Madankollu l-appellant jilmenta li t-Tribunal iddecieda lil hinn minn dak li ntalab fir-rikors promotur. Materja li hi sindakabbli minn din il-qorti.

13. Il-ligi Maltija ma taghtix definizzjoni ta' *constructive dismissal.* Madankollu l-Qrati u t-Tribunal Industrijali fl-interpretazzjoni taghhom ibbazaw ruhhom fuq il-ligi Ingliza sabiex taw definizzjoni ta' dan il-kuncett. Hekk per ezempju il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-7 ta' Lulju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Carmel sive Lino Farrugia v. Alexandra Palace Hotel** qalet li:

*"ir-rizenja minn impieg ghal ragunijiet li ghalihom jahti dak li jaghti x-xoghol titqies b'interpretazzjoni bhal li kieku kienet tkeccija".*

Fis-sentenza **Lorenza Cascun vs Healthcare Services Ltd** tas-6 ta' Marzu 2008, il-Prim'Awla qalet:

*"Illi l-ligi taghna taghraf illum il-gurnata dik is-sitwazzjoni fejn impjegat jitqieghed f'pozizzjoni li fiha ma jithalliex aktar jahdem fl-ambjent xieraq li bih jista' jwettaq sewwa x-xoghol li jinghata jaghmel. Dan iwassal ghal sitwazzjoni fejn l-istess impjegat ma jkunx jiflah izjed ghall-pressjonijiet li jintefghu fuqu u jigi f'qaghda li ma jkunx jifdallu triq ohra ghajr li jtemm l-impieg tieghu.* ***Dan huwa l-kaz klassiku ta' tkeccija li minn barra tidher bhala rizenja****".*

Iktar ricentement fil-kawza fl-ismijiet **Lufthansa Teknik Malta Limited v. Ramon Caruana,** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Mejju, 2014, intqal:

*"M'huwiex facli li wiehed jipprova constructive dismissal u dan peress li l-impjegat jitlaq hu minn fuq il-post tax-xoghol, u ma jigix formalment imkecci mill-post tax-xoghol b'mod inekwivoku mill-principal, izda a kawza ta' agir negattiv u dispreggattiv tal-istess principal.*

*Ikun hemm lok ta' constructive dismissal meta l-impjegat, ikun imgieghel jirrizenja mix-xoghol tieghu minhabba cirkostanzi ta' natura negattiva fuq il-lant tax-xoghol jew/u jkun hemm xi ksur fundamentali tal-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' impjieg. …*

*Irid jigi ppruvat li hemm ksur fundamentali tal-kuntratt ta' impjieg, b'kundizzjonijiet li jgieghlu lill-impjegat jitlaq u jirrizenja mill-post tax-xoghol tieghu.*

*In fatti, the duty to maintain trust and confidence means that an employer must not, by his conduct, destroy or seriously damage the relationship of mutual trust and confidence between the parties.*[5] *Dan jinkludi wkoll l-fatt li l-principal ma jiehux bis-serjeta' xi lmenti da parti tal-impjegati tieghu.*

*Wiehed jista' jiccita wkoll il-kawza fl-ismijiet 'Morrow vs Safeway Stores' [2002] IRLR 9 fejn l-Employment Appeal Tribunal Ingliz qalet li: "if there has been conduct by the employer likely to destroy or seriously damage the trust and confidence relationship this will mean, inevitably, that there has been a fundamental breach going to the root of the contract and entitling the employee to resign and claim constructive dismissal. No distinction can be made between degrees of seriousness of the breach of this implied term".*

15. L-appellata ssostni li kien proprju t-trattament li kellha da parti tal-appellant u t-tifla tieghu, wara li nfurmathom li kienet tqila u d-dizgwid li nqala' mal-appellant dwar il-*leave* ta' maternità, kif ukoll l-effett ta' biza' li dan kien qieghed ikollu fuqha, li wassalha biex tirrizenja. Dan ifisser li kien hemm applikazzjoni korretta tad-dritt in materja u jsegwi li din il-Qorti hija issa prekluza milli tezamina mill-gdid l-fatti li wasslu ghall-gudizzju tat-Tribunal.

16. Il-qorti tosserva kif l-appellant mistoqsi, *"U x'raguni inti (tajt) fuq it-termination form?"*, wiegeb *"Li irrizenjat hux, ghax hi qaltli iddejqet ha nitlaq"*. Verzjoni kontradetta minn Vincienne Galea, xhud stess tal-appellant (ara kontro-ezami fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2015 fejn spjegat li l-appellata kienet bkiet ghaliex bezghet li l-principal ser ikecciha). Min jirrizenja ghaliex ikun iddejjaq ma jibkix ghaliex ikun ser jibza li ser jitlef l-impieg.

17. Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-appellant, dan m'huwiex kaz ta' xhud li bidlet il-verzjoni taghha u tirrendiha mhux kredibbli, izda hija essenzjalment iz-zewg faccati tal-istess munita, peress li l-kawzali tal-azzjoni kienet u baqghet it-tkeccija ngusta tar-rikorrenti appellata.

18. Isegwi li lanqas ma jista' jirnexxi l-aggravvju tal-appellant sa fejn jilmenta li t-Tribunal Industrijali ppregudika id-dritt tieghu li jiddefendi ruhu sew, peress li l-parametri tal-kaz, ossia l-kawzali baqghet l-istess. Il-qorti taqbel mal-appellata li *constructive dismissal* hi forma ta' tkeccija jew terminazzjoni ngusta tal-impieg. Il-

[5] **Bracebridge Engineering Limited vs Darby** [1990] IRLR 3.

fatt li in kontro-ezami kkoncediet li hija rrizenjat (peress li hasset li ma kellhiex triq ohra), ma jfissirx li l-appellant kien imcahhad milli jressaq id-difiza tieghu.

**Ghaldaqstant, tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.